MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 22 ta' Novembru, 2017

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1467/17/1LM

**Anthony Mizzi (K.I. 779854M)**

***vs.***

**Mario Mizzi (K.I. 30964M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Anthony Mizzi** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li ġie ppreżentat fid-9 ta' Ottubru, 2017, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli:*

*Ibiegħ, jassenja jew b'kull mod ieħor jittrasferixxi l-ishma fil-kumpannija bl-isem Joston Company Limited (C-6648) ta' 'Rita House', Clarence Street, Msida, kif ukoll kwlasiasi assi u liċenzji proprjetà tal-kumpannija in kwistjoni, inkluż il-pompa tal-petrol u diesel li tinsab fil-kumpless MCP, Floriana, u dan peress li r-rikorrenti għandu ishma fil-kumpannija in kwistjoni, u kwalsiasi bejgħ, assenjazzjoni jew trasferiment mingħajr l-għarfien jew awtorizzazzjoni tar-rikorrenti, ser ikun ta' preġudizzju għalih.*

*Illi jidher b'mod ċar li ġew leżi d-drittijiet tiegħu minħabba li sar awment tal-ishma fil-kumpannija kontra l-liġi u b'mod abbużiv u ta' preġudizzju kontra l-istess rikorrenti, kif ser jiġi ppruvat. Għal kull buon fini qiegħed jiġi dikjarat li ż-żieda ta' 18,000 (tmintax-il elf) ishma ġodda li saru fil-15 ta' Mejju, 2002 qatt ma ġew magħrufa u approvati mill-azzjonisti l-oħra, inklużi r-rikorrent, li jikkonferma li qatt ma kien preżenti u/jew ta l-kunsens tiegħu għal tali żieda.*

*Illi finalment jiġi sottomess li Joseph Mizzi, missier il-partijiet, qatt ma ttrasferixxa ishma lill-intimat Mario Mizzi xahrejn qabel ma miet fil-21 ta' Frar, 1997, u għalhekk it-trasferiment muri fl-10 ta' Diċembru, 1996.*

*Illi l-esponenti ser jiġi ippreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*[1]

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2017 fejn *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12 laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

[1] Ġie anness *ownership timeline* tas-soċjetà Joston Company Limited (C 6648), *a fol.* 5 sa 7.

Rat illi l-intimat Mario Mizzi ta ruħu notifikat bir-Rikors fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2017.

Rat ir-Risposta ppreżentata fis-6 ta' Novembru, 2017 mill-intimat **Mario Mizzi** (minn issa 'l quddiem "l-intimat"), fejn ġie eċċepit:

*Illi t-talba li saret permezz tar-rikors odjern hija nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ma tistax tiġi milqugħa għaliex l-elementi li llum-il ġurnata huma paċifiċi sabiex jinltaqa' tali mandat, ossia li r-rikorrent għandu jkollu dritt prima facie u kif ukoll il-preġudizzju irrimedjabbli jekk ma tintlaqax it-talba tiegħu, ma jirriżultawx. Dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1) Fl-ewwel lok u rigward in-nuqqas ta' dritt prima facie, l-argument tar-rikorrent rigward l-awment tal-ishma fil-kumpannija bl-isem Joston Company Limited (C 6648) ta' 'Rita House', Clarence Street, permess ta' żieda ta' 18,000 ishma ġodda li fil-15 ta' Mejju, 2002 huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li d-dokumenti kostituzzjonali tal-kumpannija jistabbilixxu li din iż-żieda kellha tiġi approvata permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija. L-istess dokumenti kostituzzjonali jiddefinixxu "riżoluzzjoni straordinarja" bħala riżoluzzjoni li jeħtieġ li tiġi approvata mill-azzjonisti li għandhom ishma li jammontaw għal ħamsa u ħamsin fil-mija tad-drittijiet tal-vot fil-kumpannija. Illi kif jidher fit-tabella tal-komputazzjoni annessa ma' din ir-risposta u mmarkata bħala "Dok. A".[2] l-esponent kellu numru ta' ishma fil-kumpannija ekwivalenti għal erba' u sebgħin fil-mija tad-drittijiet tal-vot u b'hekk kellu l-maġġoranza meħtieġa sabiex jgħaddi riżoluzzjoni straordinarja. Minkejja dan il-fattur ir-rikorrent xorta għamel diversi tentattivi biex ifittex l-approvazzjoni tal-intimat rigward dan l-awment tall-ishma. Madankollu, l-intimat baqa' ma jridx jkollu x'jaqsam mar-rikorrent u l-kumpannija nnifisha.*

*2) Subordinatament u wkoll in konnessjoni man-nuqqas tad-dritt prima facie, it-tieni allegazzjoni tal-intimat rigward it-trasferiment ta' ishma minn Joseph Mizzi fl-10 ta' Diċembru, 1996 hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-*

[2] Joston Co. Ltd - *issued share capital, a fol.* 16.

*imsemmi Joseph Mizzi iffirma ftehim ta''trasferiment ta' ishma, anness ma' din ir-risposta u mmarkat bħala "Dok. B"*[3] *li fih huwa ttrasferixxa mitejn u għoxrin mill-ishma tiegħu lil ibnu, ir-rikorrent;*

*3) Illi fit-tielet lok, jirriżulta pależement li l-preġudizzju irrimedjabbli ma jissussistix għaliex fi kwalunkwe każ, it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat hija inutili fid-dawl tal-fatt li kif jirriżulta mill-anness Memorandum & Articles of Association tal-kumpannija de quo (Dok. C)*[4]*, l-azzjonijiet li r-rikorrent qiegħed jittenta li jwaqqaf huma soġġett għal pre-emption rights tiegħu. Konsegwentement, irrispettivament mill-eżitu ta' dan il-mandat, u oltre l-fatt li m'hemm l-ebda offerta ta' xiri da parti ta' terzi, ir-rikorrent huwa ikkawtelat b'dawn il-pre-emption rights u konsegwentement, la għandu d-dritt prima facie li jressaq it-talba odjerna, u wisq anqas ser isofri preġudizzju irrimedjabbli jekk tali talbna ma tinltaqax, fil-fatt mhu ser isofri ebda preġudizzju, għaliex l-esponent ma jistax jagħmel l-azzjonijiet li r-rikorrent qed jipprova jinibih milli jagħmel.*

*Daqstant għandu l-unur jissottometti l-esponent għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

Rat id-dokumenti esebiti in atti u l-atti kollha tal-mandat.

Semgħet ix-xhud prodott mir-rikorrent.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2017 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

---

[3] *A fol.* 17 u 18.

[4] *A fol.* 19 s 25.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, 873, 875 u 876A.

Ir-rikorrent, ħu l-intimat, qed jikkontesta tibdil fis-*shareholding* u żieda fl-ishma li kienu saru fi ħdan is-soċjetà Joston Company Limited, li għandha l-pompa tal-*petrol* u *diesel* fil-kumpless tal-MCP *carpark,* il-Furjana u fejn il-partijiet huma l-uniċi azzjonisti tagħha. Dan it-tibdil kien jikkonsisti fi trasferiment ta' ishma minn missier il-partijiet Joseph Mizzi lill-intimat, liema trasferiment kien sar fl-10 ta' Diċembru, 1996, xi xahrejn qabel ma' miet. Ir-rikorrent isostni li tali trasferiment ma kienx tabilħaqq sar. Ir-rikorrent jikkontendi wkoll li ż-żieda ta' 18,000 sehem li kienet saret f'isem l-intimat fil-15 ta' Mejju 2002, kienet saret abbużivament u bi preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrent bħala azzjonist. F'dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jitlob l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat biex iżommu milli jittrasferixxi ishma, assi inkluż il-pompa tal-*petrol* u *diesel* u liċenzji tal-istess soċjetà, liema trasferimenti jippreġudikaw lir-rikorrent jekk ma jinħarigx il-mandat ta' inibizzjoni.

L-intimat qed jikkontesta t-talba għall-ħruġ tal-mandat peress li ma jidhrix li r-rikorrent għandu dritt *prima facie* x'jikkawtela u lanqas sejjer isofri xi preġudizzju irrimedjabbli jekk ma jinħarigx il-mandat. Dwar in-nuqqas ta' dritt *prima facie,* l-intimat jikkontendi li kien sar ftehim ta' trasferiment ta' ishma minn missieru lilu datat 10 ta' Diċembru, 1996 u esebixxa kopja ta'

dan it-trasferiment.[5] Kwantu għall-imsemmi *increase in share capital*, dan kien sar permezz ta’ riżoluzzjoni straordinarja li kienet tirrikjedi l-approvazzjoni ta’ 55% tad-drittijiet tal-vot fis-soċjetà u stante li hu kellu 74% tad-drittijiet tal-vot, din iż-żieda kienet saret b’mod regolari anki għaliex dak iż-żmien huwa kien ittenta jġib il-kunsens ta’ ħuh ir-rikorrent, però dan ma kienx irid ikollu x’jasam mal-kumpannija. L-intimat jgħid ukoll li r-rikorrent mhux ser isofri xi preġudizzju irrimedjabbli jekk ma jinħarigx il-mandat għaliex skont l-istatut tal-kumpannija, ir-rikorrent għandu *preemption rights* favur tiegħu fl-eventwalità li l-kumpannija tiddeċieda li żżid l-ishma tagħha.

Jirriżulta mill-atti li din il-kwistjoni tqanqlet issa, snin wara li seħħ l-imsemmi tibdil fi ħdan il-kumpannija Joston Company Limited, proprju wara li mietet l-azzjonista l-oħra fil-kumpannija Rita Mizzi, omm il-partijiet, u minn riċerki li għamel Ray Mercieca, l-*accountant* tar-rikorrent, dwar is-soċjetà Joston Company Limited, kien issa li r-rikorrent sar jaf b’dan it-tibdil u b’tibdil ieħor li kien sar fil-*Memorandum* u *Articles of Association* tal-kumpannija.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Apparti d-dokumenti li ġew esebiti mill-partijiet, xehed ukoll l-accountant **Ray Mercieca** prodott mir-rikorrent[6], li qal li kien għamel riċerki fl-MFSA

[5] *A fol.* 17.
[6] *A fol.* 28 sa 40.

fuq talba tar-rikorrent dwar is-soċjetà Joston Company Limited, mill-1983 sal-lum. Dwar ix-*share transfer* inkwistjoni x-xhud spjega li sa madwar tliet snin ilu[7] bħala prassi l-MFSA kienet taċċetta li dawn jitniżżlu fl-*annual return* u ma kinitx titlob la *share transfer agreement* u lanqas il-formola ‘T’ ittimbrata mill-*Inland Revenue.* Dan kien ifisser li l-MFSA kienet toqgħod biss fuq id-dikjarazzjoni fl-*annual return* u ma kinitx tinsisti li tingħatalha *supporting documentation* li tikkonferma li kien sar it-trasferiment. Fil-każ tas-soċjetà Joston Company Limited, l-*annual returns* dejjem kienu jiġu iffirmati mill-intimat. Ray Mercieca jgħid li kienet għorkitu għajnejh minħabba li t-trasferiment tal-ishma minn missier il-partijiet lill-intimat, kien sar ftit xhur qabel il-mewt tiegħu, u t-trasferiment kien ġie reġistrat mill-intimat wara l-mewt ta’ missieru.

Dwar l-*increase in share capital* Ray Mercieca jgħid li skont il-*memorandum and articles* tal-kumpannija, l-ishma l-ġodda kellhom l-ewwel jiġu offruti lill-azzjonisti eżistenti a proporzjon tal-ishma li diġà kellhom, għax l-azzjonisti eżistenti kellhom *preemption rights* f’każ ta’ awment fl-ishma tal-kumpannija. Ray Mercieca jgħid li r-rikorrent kien qallu li ma kien irċieva ebda avviż li kien ser ikun hemm żieda fl-ishma tal-kumpannija. Mercieca jgħid li ovvjament ir-rikorrent ġie affettwat ħażin biż-żieda ta’ 18,000 ishma, għax minn *shareholding* ta’ 25% li kellu, dan niżel għal 5%. Ix-xhud jgħid li sa ftit tas-snin ilu l-prassi kienet li *increases in share capital* jitniżżlu fl-*annual return* tal-kumpannija u l-MFSA ma kinitx

[7] Din ix-xhieda ngħatat fit-8 ta’ Novembru, 2017.

tirrikjedi *backup documents* biex tirreġistra ż-żieda fl-ishma. Imma Ray Mercieca sostna li dawn is-*supporting documents* bħall-minuti tal-*annual general meeting* u kopji tad-dokumenti tax-*share transfer* xorta suppost jinżammu fis-sede tal-kumpannija. Ix-xhud jgħid li mir-riċerki li għamel jirriżulta li l-*increase in share capital* kienet saret fil-15 ta' Mejju, 2002 fuq il-Formula 'H'[8] li kienet iffirmata mill-intimat, fejn ix-s*hare capital* tiegħu żdied minn 2,000 għal 20,000. Ix-xhud tenna li skont il-*memorandum and articles* tal-kumpannija, l-ishma l-ġodda kellhom l-ewwel jiġu offruti lill-azzjonisti eżistenti biex dawn ikunu f'pożizzjoni li jixtru dawn l-ishma ħalli jibqgħu proporzjonalment l-istess mal-azzjonisti l-oħra jew jiddeċiedu li ma jixtrux.

Ray Mercieca spjega wkoll li mal-Form 'H' kienet ġiet annessa kopja tal-*memorandum* u *articles of association* il-ġodda[9], li huma ffirmati mill-*company secretary* bħala *true and certified copy* tal-oriġinal*,* liema *company secretary* kien l-intimat. Ray Mercieca jgħid li l-oriġinali kellhom ikunu ffirmati wkoll mid-diretturi l-oħrajn tal-kumpannija u jgħid ukoll li l-oriġinali suppost tinsab fis-sede tal-kumpannija. Mercieca jgħid li r-rikorrenti kien qallu li fl-2002 ma kien iffirma xejn.

Mistoqsi mill-Qorti jekk il-*preemption rights* favur l-azzjonisti eżistenti jistgħux b'xi mod jitneħħew, Ray Mercieca wieġeb li dawn jistgħu jitneħħew b'sempliċi 51% tal-*voting rights* f'*general meeting* u bl-ammont ta' voti li

---

[8] Kopja tagħha tinsab esebita *a fol.* 41.
[9] *A fol.* 42 sa 47.

għandu l-intimat jista' jagħmel dan dejjem, dejjem bis-salvagwardji favur id-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji taħt l-Att dwar il-Kumpanniji.

In kontroeżami Ray Mercieca jgħid li t-*time-line* tal-ishma anness mar-risposta tal-intimat[10] kien korrett u jikkonferma li qabel l-*increase in share capital* tal-2002, l-intimat diġà kellu 74% tal-ishma. Ix-xhud jaqbel ukoll li skont il-*memorandum and articles of association,* f'*general meeting* kienet dejjem meħtieġa l-approvazzjoni ta' 51% tal-*voting rights* imma f'*extraordinary general meeting* kienet meħtieġa l-approvazzjoni ta' 55% tal-*voting rights*. Ray Mercieca jgħid li għad illi ċerti deċiżjonijiet setgħu jiġu approvati bil-mod kif kienu l-*voting rights* fil-passat, madankollu ta' bilfors kellu jissejjaħ *general meeting jew extraordinary general meeting.* Mistoqsi dwar *preemption rights* tal-azzjonisti eżistenti ai termini tal-*memorandum and articles of association* ta' qabel l-2002 f'każ ta' *increase in share capital*, ix-xhud jgħid li dawn kienu regolati bis-sezzjoni 2 tal-*articles of association, 'Share Capital and Shares'* u bis-sezzjoni 3 '*Transfer and Transmission of Shares'* u f'dan ir-rigward għamel riferiment għall-klawsola 3.2 fejn jingħad li *"any member wishing to transfer his shares or any of them must first offer them for sale to the other members; …".*

Din il-Qorti tirrileva li l-paragrafu 2.2 tal-*memorandum and articles of association* dwar *Share Capital and Shares*[11] jgħid li *"all unissued shares of a given class shall, before issue, be offered to the holders for the time being of*

[10] *A fol.* 16.
[11] Ara *fol.* 22.

*shares of that class in proportion to the number of shares of that class held by them."*

Jirriżulta mill-atti li l-*preemption rights* tal-azzjonisti eżistenti għar-rigward ta' distribuzzjoni ta' *unissued shares* kif ukoll għar-rigward ta' *transfer of shares* ma ġewx affettwati bit-tibdil li sar matul is-snin fil-*memorandum and articles of association* tal-kumpannija.

L-intimat Mario Mizzi flimkien mar-Risposta tiegħu ppreżenta wkoll *a fol.* 17 tal-proċess kopja tas-*share transfer* li kien sar fl-10 ta' Diċembru, 1996 iffirmat minn Joseph Mizzi bħala *transferor* u mill-intimat bħala *transferee* u l-irċevuti relattivi tal-Inland Revenue Department.[12]

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 873 tal-Kap. 12.

Tqis illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-għan ta' mandat ta' din ix-xorta huwa

[12] *A fol.* 18.

dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*[13]*;*

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-

---

[13] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré**, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40 Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[14]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn l-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

[14] P.A., 13.05.2014.

(3) Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[15] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, iġifieri b'mod

[15] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hiex tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi

> proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b’mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifsser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.”[16];

(5) “Ir-rabta ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni m’għandhiex tintuża bħala arma ta’ theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B’dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta’ Inibizzjoni jinbidel f’arma bħal din.”[17]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[18]

---

[16] P.A., 25.01.2005.
[17] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[18] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A. kif hawn preseduta, 27.12.16.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra issa tqis kif dawn il-prinċipji legali elaborati mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għandhom jiġu applikati għall-fattispeċi odjerni kif jirriżultaw mad-daqqa t’għajn.

Fl-ewwel lok kif diġà ngħad, skont l-insenjament kostanti tal-Qrati tagħna, ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u jekk xi wieħed minn dawn l-elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Meta t-talba tar-rikorrent titqies fid-dawl tal-imsemmija rekwiżiti, jirriżulta:

Illi kwantu għar-rekwiżit illi jkun sejjer isir xi att mill-intimat li jista’ jkun ta’ preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti, mill-atti jidher li r-rikorrent għamel snin twal ma jiħux interess fl-affarijiet tal-kumpannija. Wara l-mewt ta’ ommu, ir-rikorrent iddeċieda li jindaga dwar kif kienet qed titmexxa s-soċjetà Joston Company Limited mill-intimat u rriżultawlu ċerti atti da parti tal-intimat li hu jallega li kienu abbużivi u li jilledu l-jeddijiet tiegħu bħala azzjonista, liema atti seħħew fl-1997 u fl-2002 ċjoè 20 sena u 15-il sena ilu. Ir-rikorrent qiegħed issa jallega li jeżisti *periculum in mora*, ċioè probabbilità kbira u mhux mera possibbiltà li minn meta tiġi istitwita l-kawża fil-mertu sakemm tiġi deċiża l-kawża, tista’ sseħħ xi ħaġa da parti tal-intimat li tipperikola l-jeddijiet tiegħu.

> *"In primo luogo, occorre caratterizzare il periculum in mora da un punto di vista strutturale, atteso che la sua tralatizia definizione in termini di "pericolo da ritardo", lo individua unicamente dal punto di vista della funzione. Sul punto, l'analisi ha contribuito a far emergere una componente del periculum in mora che fino a pochi anni fa era rimasta in penombra; ci si riferisce, nella specie, alla necessità che il presupposto cautelare contenga in sè la valutazione della probabile futura lesione della situazione giuridica di vantaggio oggetto del processo, derivante da un'attuale (non solo ipotetica) esposizione ad un pericolo. In altre parole, il periculum in mora consiste in una relazione tra un evento (l'esposizione al pericolo) e un probabile danno; e ricorre tutte le volte in cui si ritenga che il diritto soggettivo che si assume leso sia esposto ad un pericolo di un danno future."*[19]

Tqis li mill-atti u mill-provi prodotti ma jirriżultax illi teżisti xi probabbiltà kbira, il-*periculum in mora* li jseħħu xi azzjonijiet jew li se jitkomplew xi azzjonijiet da parti tal-intimat li jistgħu jippreġudikaw il-jeddijiet tar-rikorrent.  Dan għaliex mix-xhieda ta' Ray Mercieca, l-*accountant* tar-rikorrent stess, jirriżulta illi dak illi seta' jseħħ sa tliet snin ilu, li jsir *an increase in share capital* mingħajr ma jiġu ppreżentati lir-Reġistratur tal-Kumpanniji s-*supporting documents* bħal pereżempju l-minuti tal-*annual general meeting*, illum il-ġurnata xi ħaġa bħal din ma tistax isseħħ aktar wara t-tibdil li kien sar fil-proċeduri tar-Reġistratur tal-Kumpanniji madwar tliet snin ilu.

---

[19] RECCHIONI S., *voce Periculum in mora (nel processo cautelare civile), in Dig. disc. priv., sez. civ., 3°agg., tomo II, Torino 2007, pp. 892-912; ID., Il pericolo come elemento della fattispecie processuale cautelare. Parte I: il pericolo come relazione fra eventi, in Studi in onore di G. Tarzia, Milano 2005, pp.* 1431-1475.

Illi kwantu għar-rekwiżit li l-grad ta' preġudizzju jrid ikun wieħed li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat, l-intimat jikkontendi illi skont il-*memorandum and articles of association* tal-kumpannija r-rikorrenti għandu r-rimedju tal-*preemption rights*. Tqis illi bit-tibdil riċenti li seħħ fil-proċeduri tar-Reġistratur tal-Kumpanniji fejn huwa meħtieġ li biex jiġi reġistrat awment fil-kapital azzjonarju ta' kumpannija, li jiġu ppreżentati wkoll is-*supporting documents*, mhuwiex possibbli li r-rikorrent jinġib fil-pożizzjoni li ma jkunx jista' jeżerċita l-*preemption rights* tiegħu.

Tqis illi mill-atti u mill-provi prodotti jidher mad-daqqa t'għajn illi fil-passat r-rikorrent ittraskura l-operat tas-soċjetà Joston Company Limited jew fada wisq f'ħuh f'dik li hija t-tmexxija ta' din is-soċjetà. Il-Kap. 386 jipprovdi salvagwardji xierqa għad-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji[20], li huma effettivi jekk ir-rikorrent isegwi b'interess l-andament tas-soċjetà inkwistjoni.

Tqis ukoll li mad-daqqa t'għajn jidher l-interess ewlieni li tar-rikorrent fis-soċjetà inkwistjoni mhuwiex strettament f'dak li seħħ jew qiegħed iseħħ fit-tmexxija tagħha, imma purament kif id-deċiżjonijiet li ttieħdu fit-tmexxija tal-kumpannija setgħu laqtuh finanzjarjament, fir-rigward ta' liema r-rikorrent ċertament jista' jkollu r-rimedju ta' eventwali likwidazzjoni ta' danni jekk jingħata raġun fil-kawża fil-mertu.

---

[20] Ara f'dan is-sens is-sentenzi **Anthony Gatt *et vs.* Philip Gatt *et***, P.A., 04.07.2013 u **Arkitett Raymond Vassallo *noe vs.* Anthony Parlato Trigano *et*,** Q.A., 24.06.201 u **Susanne Busuttil *et vs.* Francis Busuttil & Sons Limited *et.***, Q.A., 31.01.2014.

Dwar ir-rekwiżit tal-jedd *prima facie*, huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Imma anki jekk ir-rikorrent jirnexxilu juri li *prima facie* għandu jedd li jista' jiġi ppreġudikat jekk ma jinħarigx il-mandat, jekk xi wieħed mir-rekwiżiti l-oħrajn għall-ħruġ tal-mandat jinstab li huwa nieqes, il-Qorti xorta waħda ma tkunx tista' tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat. Imma l-fatt li l-Qorti ma tilqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li eventwalment l-attur ma jistax jipprova li għandu raġun fil-mertu.

Illi kwantu għar-rekwiżit tal-jedd *prima facie*, li jrid ikun hemm il-*fumus boni iuris,* il-probabbilità li mad-daqqa t'għajn hemm jedd x'jiġi kkawtelat, mill-atti u mill-provi prodotti jidher li r-rikorrent ma ġiex notifikat bit-trasferiment tal-ishma minn Joseph Mizzi lil Mario Mizzi u bil-proposta tal-*increase in share capital* biex ikun f'qagħda li jista' jeżerċita l-*preemption rights* tiegħu. Ir-rikorrent lanqas ġie mogħti l-avviż ta' xi *general meeting* jew *extraordinary general meeting.* Dejjem fuq il-livell ta' *prima facie,* dan kollu jindika li r-rikorrent għandu jedd li seta' ġie preġudikat. Però kif intqal aktar 'il fuq, l-elementi rikjesti għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi u jridu jkunu jikkoeżistu flimkien meta ssir it-talba għall-ħruġ tal-Mandat u għalhekk jekk xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti ma jirriżultax bħal fil-każ odjern fejn il-Qorti qieset illi l-element tal-*periculum in mora* huwa nieqes, it-talba għall-ħruġ tal-mandat għandha tiġi miċħuda.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, billi ma jirriżultawx l-elementi kollha rikjesti għall-ħruġ tiegħu.**

**Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2017, sa fejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.**

**Tordna lir-Reġistratur jikkomunika dan il-provvediment lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent Anthony Mizzi.**

Mogħti kameralment illum, 22 ta' Novembru, 2017.